MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2006

Rikors Numru. 65/2006

**Gaetano Cutajar (I.D. 855747 M) u**
**Judith Cutajar (I.D. 959650 M)**

**vs**

**Auto Repairs & Services Limited C 20077**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba ta’ l-atturi ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ tlett elef, mitejn u hamsin lira Maltin (Lm3,250), rapprezentanti kera dovuta mis-socjeta’ konvenuta ghall-perjodu 1 ta’ Ottubru 2005 sat-30 ta’ Marzu 2006 li hija nofs il-kera dovuta ghal dak il-perjodu u liema somma giet koperta b’cheque mahrug mis-socjeta’ konvenuta lill-atturi, liema cheque kien gie ‘refer to drawer’ erba’ darbiet.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-Mandat ta' Qbid 395/06 u bl-imghax legali mill-1 ta' Ottubru 2005 sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet ta' l-atturi sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fid-19 ta' Ottubru, 2006 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------